**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Marzu 2019**

**Talba Nru: 449/17 CZ**

**Athos Family & Business Services (Malta) Limited**

**vs.**

**Jean Claude Magri (ID 256592 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-20 ta' Settembru 2017 li biha talbet li l-konvenut ikun ikkundannat li jhallas l-ammont ta' €841,88 bilanc ta' rimbors dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici kif jigi spjegat waqt is-smeigh.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-3 t'Ottubru 2017 li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi spjegat ahjar waqt is-smiegh u ghandhom jigu respinti ini toto bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici;
2. Illi l-konvenut qieghed jipprevalixxi ruhu mill-fakolta' li jressaq talbiet rikonvenzjonali fil-proceduri odjerni;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant li permezz taghha premetta:

Peress illi s-socjeta' attrici, issa rikonvenzjonata, ghandha tigi kkundannata thallas l-ammont ta' elf, sitt mija u tnejn u ghoxrin Euro (€1,622) lill-konvenut rikonvenzjonant u dan in linea ta' 'overtime' debitament mahdum izda mhux imhallas kif ser jigi spjegat ahjar waqt is-smiegh.  Bl-ispejjez u bl-interessi, u s-socjeta' attrici rikonvenzjonata hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' attrici rikonvenzjonata prezentata fis-16 t'Ottubru 2017, fejn eccepiet:

Illi t-talbiet rikonvenzjonali ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi:

Fl-ewwel lok, huma ovvjament semplici ritaljazzjoni ghal dak mitlub mill-esponenti u mhumiex dwar l-istess mertu jew konnessi mat-talba originali.

Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju, l-intimat irid igib prova illi ghandu dritt ghall-hlas mitlub peress illi ma jirrizultax illi ntalab jahdem xi sahra u jekk ghall-grazzja tal-argument, baqa' wara l-hin (u jrid jigi ppruvat minnu) dan kien semplicement ghazla tieghu.

Fit-tielet lok dejjem minghajr pregudizzju l-intimat irid igib prova preciza tas-sighat li qed jitlob u dettalji pertinenti ohra. Fl-ahhar, u dan wara li jingabu l-provi dwar is-sighat ecc, ghandu jigi ezaminat jekk hemmx preskrizzjoni applikabbli.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

It-Tribunal qies ix-xiehda ta' Roberta Galea Schembri[1], u tal-konvenut[2].

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

[1] Fol. 16 et seq., fol. 97 et seq.,

[2] Fol. 54 et seq, u affidavit a fol. 59 et seq., u kontro-ezami a fol. 76 et seq., fol. 82 et seq., fol. 89 et seq.,

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi t-Tribunal sejjer fl-ewwel parti ta' din is-sentenza jittratta l-mertu tat-talba promotrici, sabiex fit-tieni parti jittratta l-mertu tal-kontro-talba.

Illi l-mertu tat-talba promotrici sintetikament huwa fil-fatt illi l-konvenut kien impjegat mas-socjeta' attrici, permezz ta' kuntratt li jinsab esebit a fol. 43 *et seq*. tal-process, u li pmerezz tieghu, fi klawsola sbatax (17) ta' l-istess, il-konvenut intrabat illi fl-eventwalita' li l-impjieg jintemm fi zmien sena minn meta jitlesta l-kors ta' l-ACCA, il-konvenut kellu jhallas lura lis-socjeta' attrici qua principal tieghu l-ispejjez imhallsa mill-istess socjeta' attrici li ghandhom x'jaqsmu mal-kors. Precizament klawsola sbatax (17) tipprovdi illi:

> In the event that the employment is terminated within one year of finalising the ACCA, the emplyee has to refund back the expenses paid by the employer in relation to the course.

Illi **Roberta Galea Schembri** xehdet illi l-konvenut intalab ihallas elfejn, mija u hames Euro u erbgha u sittin centezmu (€2,105.64) li permezz taghhom kellu jhallas lura l-ispejjez inkorsi mis-socjeta' attrici u li kellhom x'jaqsmu mal-kors ta' l-ACCA. Dan l-ammont il-konvenut hallsu permezz ta' cheque. Illi wara li ta dan ic-cheque lis-socjeta' attrici, inharigtlu ricevuta fuq dan ic-cheque (a fol. 33) li permezz taghha is-socjeta' attrici indikatlu li rceviet ic-cheque 'in relation to the full settlement of ACCA costs', u dan wara li l-konvenut specifikament talab lis-socjeta' attrici tikkonferma li dan kien 'full and final settlement'. Illi dakinhar stess l-istess xhud baghtet e-mail lill-konvenut fejn baghtitlu l-FS3s aggornati u taghrif gdid dwar

il-hlasijiet li kellu jaghti, u talbitu d-differenza bejn dak li kien gia' inkorporat fic-cheque li ghadda lis-socjeta' attrici u l-ammont il-gdid li kien qed jintalab.

Illi l-konvenut sostna illi l-hlas li kien ghamel kien ghas-saldu u ghaldaqstant ma kellu jaghti xejn iktar.  Apparti dan, sostna wkoll illi l-ispejjez konnessi ma' l-istudy leave li ppemettietlu jiehu s-socjeta' attrici ma kinux rifondibbli u ma kinux jaqghu taht klawsola sbatax (17) tal-kuntratt ta' impjieg, u dan ghaliex ma kinux spejjez veri u propji li harget is-socjeta' attrici.  It-Tribunal jirrileva izda li dawn huma spejjez li kienu rifondibbli, ghaliex ghalkemm ma kinux spejjez ghal hlasijiet tal-kors li hargu direttament mis-socjeta' attrici bi hlas lil terzi, xorta wahda kienu spejjez li s-socjeta' attrici kellha tohrog in konnessjoni ma' l-ACCA.  Ta' min isemmi li l-ispejjez konnessi ma' l-istudy leave jissemmew fl-istess klawsola fejn qed jissemmew l-ispejjez l-ohra ta' l-ACCA, u cioe' fi klawsola hmistax (15) tal-kuntratt; u ghaldaqstant it-Tribunal jiddikjara illi dak imsemmi f'din il-klawsola ghandhom jitqiesu bhala spejjez hekk kif imsemmija sussegwentement fi klawsola sbatax (17), inkluz ghalhekk l-ispejjez ghal hlas ta' study leave li hallset is-socjeta' attrici, li wara kollox l-istess socjeta' attrici hargithom fil-forma ta' paga lill-konvenut waqt li ha xi jiem leave biex jistudja.  Ghaldaqstant, fuq dan il-punt, it-Tribunal ma jistax isib li l-argument tal-konvenut jisthoqq li jintlaqa'.

Illi izda jibqa' l-kwistjoni dwar jekk l-ammont imhallas mill-konvenut originarjament permezz tac-cheque li ghadda lis-socjeta' attrici huwiex hlas ghas-saldu ta' kull pretensjoni ohra li kellha l-istess socjeta'.  Ix-xhud Galea Schembri qalet li matul il-gurnata ghamlet il-kalkoli bil-ghaggla, ghax kienet pressata mill-konvenut. Kellha tattendi interview, u wara l-interview hadet hsieb li mbaghad, fil-ghaxija tibghat il-kalkoli aggornati lill-konvenut.  L-ghada fil-ghodu, il-konvenut qalilha li kellu jiddiskuti l-ammont il-gdid ma' l-avukat tieghu.  Illi t-Tribunal jinnota illi qabel ma c-cheque issarraf, ix-xhud Galea Schembri kienet diga' baghtet e-mail lill-konvenut, datata 6 ta' Marzu 2017, li fiha indikatlu l-ammont il-gdid li kellu jithallas.  Dik l-e-mail fiha nfisha hassret ir-ricevuta ghas-saldu li kienet baghtet lill-konvenut, gialadarba s-socjeta' attrici m'ghaddietx biex sarrfet ic-cheque immedjatament wara li tat ir-ricevuta a saldu, izda lahqet avzat lill-konvenut li jehtieg ihallas iktar.

Illi l-konvenut min-naha tieghu kull ma qal f'dak l-istadju kien li jehtieg ikellem lill-avukat; la nnega li ghandu jaghti u lanqas accetta. Dan fl-opinjoni tat-Tribunal halla din il-kwistjoni miftuha, u l-e-mail tax-xhud Galea Schembri mibghuta fil-lejla tas-6 ta' Marzu 2017 serviet biex fethet ghajnejn il-konvenut illi c-cheque li kien baghat ma kienx bizzejjed, izda kien hemm iktar x'jithallas.

Illi t-Tribunal ra d-dokumenti esebiti mix-xhud Galea Schembri in sostenn tat-talba tas-socjeta' attrici, u ra wkoll illi dawn, kwantu ghall-kontenut taghhom, ma gewx kontestati. It-Tribunal iqis ghalhekk illli t-talba tas-socjeta' attrici giet sodisfacentement pruvata, u l-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenut ma jistghux ixekklu l-fondatezza ta' din it-talba.

**<u>Il-kontro-talba</u>**

Illi kwantu ghall-kontro-talba, din hija talba li fiha l-konvenut rikonvenzjonant qed jitlob hlas ghal sahra li jallega li ghamel waqt li kien impjegat mas-socjeta' attrici. Il-konvenut qal li qatt ma gie kumpensat ghal sahra, minkejja li klawsola dsatax (19) tal-kuntratt ta' impjieg kienet tipprovdi ghal dan. Prezenta wkoll ammont ta' kalkoli miktuba[3] li juru kif skond hu wasal ghac-cifrali talab fil-kontro-talba.

Illi l-ewwel u qabel xejn jehtieg pero' tigi indirizzata l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' attrici rikonvenzjonata, u dik cioe' fejn indikat illil-kontro-talba hija semplici ritaljazzjoni ghal dak mitlub mis-socjeta' attri u mhumiex dwar l-istess mertu jew konnessi mat-talba originali.

Illi Artikolu 396 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-fatt jipprovdi illi:

[3] Fol. 84 et seq.

> 396. Fil-kawżi, l-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:
>
> (a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba tal-attur......

Illi t-talba tal-konvenut fil-fatt gejja mill-istess kuntratt li minnu gejja t-talba tas-socjeta' attrici; ghaliex filwaqt li s-socjeta' attrici qed tirrikorri ghal klawsola sbatax (17) ta' l-istess, il-konvenut rikonvenzjonant qed jirrikorri ghal klawsola dsatax (19). Ma jistax jinghad illi l-mertu propju tat-talba u tal-kontro-talba huwa simili. Fit-talba promotrici hemm talba ghal rifuzjoni ta' spejjez inkorsi mis-socjeta' attrici, filwaqt li fil-kontro-talba hemm talba ghal hlas ta' sahra.

Illi fil-kawza *Air Malta plc. vs. Lawrence Borg noe.*[4], intqal:

> Illi l-Qorti tħossha fid-dmir li tagħmilha ċara li l-fatt li għan ta' parti mħarrka jkun li ġġib fix-xejn azzjoni mressqa kontriha ma jirrendix ġustifikat invarjabbilment it-tressiq ta' att ġudizzjarju fl-għamla ta' rikonvenzjoni. L-istess għan jintlaħaq b'Nota tal-Eċċezzjonijiet. Ma kien qatt il-ħsieb tal-leġislatur li jirrendi l-azzjoni rikonvenzjonali bħala strument ordinarju li bih kull kawża tfaqqas fi tnejn. Kemm hu hekk, ir-rikonvenzjoni hija rimedju straordinarju proċedurali li għandu ħsieb u għan speċifiku, u kemm hu hekk hija waħda minn dawk il-proċeduri li l-Kodiċi isejjaħ "speċjali". Dan jingħad ukoll minkejja li l-jedd li titressaq talba rikonvenzjonali huwa mogħti lill-imħarrek mingħajr limitu dwar l-għamla ta' azzjoni li fiha tista' ssir[5]

Illi huwa wkoll indikat mill-qrati nostrani illi sabiex effettivament ikun hemm l-elementi mehtiega ghall-kontro-talba, din ta' l-ahhar u t-talba promotrici jrid ikollhom il-hila li jezistu separatament minn xulxin.

Illi fi-verita' t-talbiet fit-talba promotrici u fil-kontro-talba ghandhom jistghu jezistu separatament minn xulxin, ghalkemm ghandhom l-gherq komuni taghhom fl-istess

[4] Prim'Awla tal-Qorti Civili – per Onor. Imhallef Joseph R. Micallef, 30 ta' Gunju 2004

[5] Fis-sentenza in kwestjoni kienet saret referenza f'dan il-punt, ghall-kawza P.A. GV **28.2.2001** fl-ismijiet ***F.Merċieca & Sons Mobili Ltd. vs George Borġ et***

'fatt', u cioe' fil-kuntratt ta' impjieg li l-partijiet ikkonkludew bejniethom. Ghaldaqstant, ladarba l-konvenut rikonvenzjonant qed jaghmel il-kontro-talba tieghu a bazi ta' l-istess kuntratt ta' impjieg, it-Tribunal jara li l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' konnessjoni tal-mertu ma tregix.

Illi t-Tribunal jehtieg izda jara wkoll jekk, fil-mertu, il-konvenut rikonvenzjonant jisthoqqlux tabilhaqq jithallas ghal din is-sahra. Ghandu jinghad illi huwa evidenti ghat-Tribunal li l-kalkoli ta' din is-sahra saru ghall-ewwel darba propju sabiex saret din il-kontro-talba – tant li fil-kors tal-kawza l-konvenut naqqas (ghalkemm mhux formalment b'nota ta' riduzzjoni) il-pretensjoni tieghu minn elf, sitt mija u tnejn u ghoxrin Euro (€1,622) ghal elf, mija u erbgha u sittin Euro u sitta w sittin centezmu (€1,164.66). Ma jirrizultax lit-Tribunal li l-konvenut kien gharraf b'din il-pretensjoni, kif kwantifikata, lis-socjeta' attrici qabel il-kawza, u cioe' la s-somma li fuqha beda l-kontro-talba originarjament, u wisq inqas is-somma mnaqqsa li xehed dwarha a fol. 90 tal-process.

Illi aktar minn hekk, gie rilevat illi l-konvenut rikonvenzjonant qatt ma ntalab jaghmel sahra – u similment qatt ma indika, waqt il-kors tax-xoghol, lill-principal tieghu, li qed jippretendi xi hlas preciz ghal xi forma ta' sahra. Ghall-kuntrarju xehed illi meta jigi mitlub bicca xoghol partikolari, huwa bhala professjonist irid ilestiha. Qatt hadd ma talbu biex jibqa' jahdem waqt il-break.[6] Apparti dan, ma jirrizultax illi l-konvenut mexxa b'xi proceduri ohrajn, apparti dawk odjerni, sabiex jinforza d-dritt li jallega li ghandu ghall-hlas tas-sahra.

Illi ghandu jinghad illi klawsola dsatax (19) tal-kuntratt ta' impjieg tipprovdi illi:

> In addition, the Employee agrees to work hours as required by the demands and exigencies of the business. The employee will be eligible for overtime compensation.

---

[6] Fol. 78

Illi skond ma jirrizulta mix-xiehda, is-sistema tal-hlas tal-impjegati tas-socjeta' attrici kienet illi kellhom il-paga, izda l-impjegati kienu jipprovdu lis-socjeta' attrici b'time sheet li fuqha jindikaw kemm kienu uzaw hin ghal progetti varji, sabiex imbaghad is-socjeta' attrici tkun taf kemm ghandha titlob lill-klijenti taghha ghax-xoghol maghmul.

Illi jirrizulta wkoll illi l-konvenut 1) ma ntalabx jaghmel sahra u 2) ma provdiex lis-socjeta' attrici, *a tempo vergine* b'listi dettaljati tas-sahra li skond hu kienet dovuta, anke meta kien qed jipprezenta t-time sheets ghax-xoghol li kien qed jaghmel.

Illi x-xhud Roberta Galea Schembri ghas-socjeta' attrici indikat li kien hemm ammont ta' zbalji cari fil-kalkoli tal-konvenut, li gew anke ammessi mill-konvenut rikonvenzjonant, u kien hemm ukoll xi episodji fejn fis-sahra qed jiddahlu wkoll perjodi ta' sitt minuti fuq il-hin, jew perjodi ohra qosra li huma inqas minn siegha; perjodi dawn illi fl-ambitu ta' l-ambjent tax-xoghol u c-cirkostanzi tal-konvenut, ma jitqiesux bhala sahra izda bhala l-hin mehtieg sabiex jitwettaq ix-xoghol, kif irrizulta anke mix-xiehda tal-konvenut innifsu.

Illi ghalhekk jirrizulta lit-Tribunal illi l-konvenut, apparti li ma ntalabx jaghmel sahra, jekk ghamel xi xoghol wara l-hin ghamlu minn jeddu, u f'dan is-sens ghalhekk klawsola dsatax (19) tal-kuntratt, li a bazi taghha l-konvenut rikonvenzjonant qed jibbaza t-talba tieghu, ma tapplikax ghall-kaz odjern.

Illi kunsidrat illi t-Tribunal mhux qed jilqa' t-talba tal-konvenut rikonvenzjonant fil-mertu, mhuwiex ser iqis aktar ir-raba' eccezzjoni, u cioe' dik dwar il-preskrizzjoni.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi:

1. Kwantu ghat-talba promotrici, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmin mija u wiehed u erbghin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€841.88), bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza sal-hlas effettiv.
2. Kwantu ghall-kontro-talba, jichad l-ewwel eccezzjoni, jilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjoni, u ghar-raguni fuq imsemmija jastjeni milli jiehu konjizzjoni tar-raba' eccezzjoni, u konsegwentement jichad it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant.

L-ispejjez tal-kawza, kemm dawk tat-talba promotrici, kif ukoll tal-kontro-talba, jithallsu kollha mill-konvenut/konvenut rikonvenzjonant.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur